**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Vassallo)**

**- vs -**

**Paul Portelli iben Saviour u Maria xebba Sammut, li joqghod 'Australia House', Hida Street, Nadur, Ghawdex. I.D. No. 41347G**

Illum 18 t' April, 2001.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli fin-Nadur, Ghawdex, f'dawn l-ahhar xhur, zamm razzett ghal produzzjoni ta' halib minghajr licenzja mahruga mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika u barra minn hekk zamm maqjel tal-bhejjem f'post boghod inqas minn mija u tlieta u tmenin metru minn post abitat u dan bi ksur ta' l-artikolu 40 tal-Att XI tal-1972 ta' l-Artikolu 127 (2) tal-Kap. 10. (2) aktar talli wara li gie misjub hati, fuq talba tat-Tabib Principali tal-Gvern, talli mill-5 ta' Lulju 1990 l'hawn, zamm razzett ghal produzzjoni ta' halib minghajr licenzja mahruga mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, u barra minn hekk zamm maqjel tal-bhejjem f'post boghod inqas minn mija u tlieta u tmenin metru minn post abitat u dan bi ksur ta' l-Artikolu 40 tal-Att XI tal-1972 ta' l-Artikolu 127 (2) tal-Kap. 10, mill-Qorti tal-Magistrati ta' Ghawdex b'sentenza datata 29 ta' Ottubru 1997, liema sentenza giet ikkonferamata fil-Qorti ta' l-Appelli Kriminali fis-16 t'April 1998 (App. Nru. 324/97G) li gie ikkundannat hamsin lira Maltin (Lm50) multa u ordnat sabiex jitnehha l-inkonvenjent fi zmien tlett xhur mis-16 t'April 1998 that penali ta' tlett liri Maltin (Lm3) kuljum fin-nuqqas, hu naqas li jaghmel dan u ghalhekk hija mitluba s-somma ta' mitejn u tmienja u ghoxrin lira Maltin (Lm228) ta' 76-il gurnata mis-17 ta' Lulju 1998 sat-30 ta' Settembru 1998 favur il-Gvern ta' Malta, salv penali ohra ulterjuri.

Semghet il-provi;

Stante insufficjenza ta' prova cara kif titlob il-Ligi, ma ssibx lill-imputat hati u tilliberah.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
Skrivana

Vera Kopja

Ghar-Registratur